L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

IL-FAKULTÀ TAL-ARTI

ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI

**MAL 3010 Għajnuniet Avvanzati għar-Riċerka**

## Assenjament

# Mudell ta' Preżentazzjoni Tajba għal Kitba Akkademika

Għal dan l-assenjament inti mitlub tipprovdi kopja elettronika ta' kapitlu mit-teżi. Jista' jkun kwalunkwe kapitlu, iżda jrid jinkludi dawn l-elementi kollha:

1. Stil għat-test ewlieni skont l-istandard mitlub mid-dokument *Step by Step Guide to Create a User-Friendly Digitized Dissertation* (Librerija tal-Universtità), speċjalment għat-tipa (*font*), daqs, spazju bejn vrus u paragrafi

2. Stil għat-titlu ewlieni tal-kapitlu

3. Stil/i għas-sottotitoli tas-sezzjonijiet (mill-inqas tnejn)

4. Is-sottotitoli jistgħu jkunu b'mhux inqas minn żewġ livelli u mhux aktar minn tlieta (1. ; 1.1 ; 1.1.1 )

5. It-tagħrif neċessarju fil-Header u l-Footer ta' kull paġna, skont l-istandard mitlub mill-Modern Languages Association (MLA)

6. Mill-inqas tliet (3) referenzi biblijografiċi. Irid ikun hemm referenza għal dawn fit-test (*inline citations*) u biblijografija bl-informazzjoni sħiħa f'qiegħ il-kapitlu, skont l-istandard MLA verżjoni 7 (2009)

7. Il-Kapitlu għandu jkun ta' mhux aktar minn 15-il paġna. Jekk il-kapitlu huwa itwal, ipprovdi biss l-ewwel 15-il paġna, iżda aċċerta ruħek li dak li huwa mitlub hawn fuq huwa inkluż f'dawn il-paġni

8. **Żid** ma' dawn paġni preliminari li jinkludu t-titlu tat-teżi, dedika, dikjarazzjoni u werrej ġenerali. Il-paġinazzjoni ta' dawn il-paġni **biss** għandha tkun b'numri Rumani

**Kif tissottometti l-assenjament**
Ibgħat id-dokument f'dan l-indirizz elettroniku:
normancborg@gmail.com
Tirċievi risposta li d-dokument ikun wasalli

**Data tal-għeluq:**
Il-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru 2011